# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

## ID-DISÁ LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 22

Il-Ħamis, 29 ta' Jannar, 2026

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Clyde Cauchi– Viċi Sindku
Louis Galea – Kunsillier
Lorenzo Grima – Kunsillier
Jeremy Hili – Kunsillier

Isaac Formosa – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josianne Cassar – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## 22.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

22.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

22.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 22.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

22.2.1 Is-Sindku ta merħba lil Isaac Formosa bħala Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ. Huwa spjegalu r-rwol tal-Kunsill u kif jaħdem. Il-Kunsill awguralu kull suċċess.

22.2.2 L-Attivitajiet tal-Milied kienu tajba ħafna speċjalment id-dawl fil-Pjazza. Il-kummenti kienu pożittivi mmens. Il-*pageant* ġiet imħassra minħabba l-maltemp.

22.2.3 Is-Sindku qal illi l-attivitajiet li jmiss huma dawn:

- 8 ta' Marzu 2026 *Open Day* tad-Dwejra;
- 5K Run – 31 ta' Marzu. Is-Sindku ppropona li l-ġirja ssir fit-toroq li mill-Kempinski jagħtu għal Santa Luċija sabiex jiġi evitat l-għeluq tat-toroq. Ser jiġi diskuss dan mal-Kumitat;
- 11 t' April – Sqaqien. Il-Kunsill qabel illi Motif Media jkun id-direttur artistiku.

22.2.4 Is-Sindku qal illi beda ħaddiem ġdid mal-iskema tal-*Community Workers*, Dominic Apap.

22.2.5 Is-Sindku nforma li matul l-aħħar xahar il-Kunsill rċieva diversi stediniet biex japplika għall-proġetti taħt il-fond ta' finanzjament mill-Unjoni Ewropeja Italia-Malta bl-isem:

- CATTS;
- Human AI Cities.

Għal dawn iż-żewġ proġetti s-Sindku qal li l-ko-finanzjament ser ikun *in kind* . Proġett ieħor li saret l-applikazzjoni għalih kien tal-Erasmus+, proġett ta' Youth Exchange ġewwa Spanja. Kien hemm approvazzjoni unanima għal dawn l-applikazzjonijiet.

22.2.6 Is-Sindku ssuġġerixxa li niktbu lill-ERA sabiex issir tabella li tkun tindika attenzjoni f'każ ta' maltemp minħabba li l-baħar huwa perikoluż. Il-Kunsill qabel.

22.2.7 Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir tabella ħdejn id-dar tal-anzjani li tkun tindika li peress li hemm dar għall-anzjani u xi drabi jkun hemm il-ħtieġa t'ambulanza, jista jinġema xi traffiku, għaldaqstant il-koperazzjoni ta' kulħadd hija meħtieġa. Il-Kunsill qabel.

22.2.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar laqgħa li saret mal-partijiet konċernati biex ikun jista jsir il-ħlas tax-xogħol t'asfaltar li kien sar fi Triq il-Ġebla tal-Ġeneral. Il-ħlas li l-Kunsill kien irċieva mill-Korporazzjoni tal-Ilma li jammonta għal €11,684.55 dwar l-istess proġett, ġie mgħoddi permezz ta' *Bank Transfer* lill-kuntrattur Gatt Tarmac Ltd.

22.2.9 Is-Sindku qal illi l-offerta dwar ix-xogħol tal-*bollards* tal-pjazza (SLLC/04/2024) li fiha kien hemm inkluż il-manutenzjoni, minkejja li ġiet *awarded* qatt ma beda x-xogħol. Il-Kunsill qabel unanimament illi jiltaqa' mal-kuntrattur biex jara jekk jaċċettax li jagħmel ix-xogħol bl-istess prezz u kundizzjonijiet indikati fl-offerta.

22.2.10 L-Awtorità tal-Ippjanar waqqet l-applikazzjoni sabiex isir xogħol ta' tisbiħ fil-*playing field* minħabba nuqqas ta' konformità mal-ittra li ntbagħtet lill-Perit tal-Kunsill dwar id-devoluzzjoni ta' dan is-sit. Issa trid issir applikazzjoni ġdida. Il-Kunsill qabel illi jagħmel laqgħa mal-Perit dwar dan u jidduskuti wkoll il-proġetti l-oħra fosthom l-offerta tal-*cameras* tas-sigurta madwar il-lokalità u anke l-iddisinjar ta' fejn ser tiġi installata Siġret Niesna.

22.2.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ġie rranġat il-*generator* tad-Dwejra, mhux il-proprja imma dak li qed jissostitwixxi l-*generator* proprja li wkoll għamel ġimgħat twal bil-ħsara.

22.2.12 Ġie ffirmat il-kuntratt tal-*Local Permits* biex il-Kunsill ikun jista jibqa' juża l-istess sistema.

22.2.13 Is-Sindku qal illi fil-maltemp inkisret il-ħġieġa tal-parti li fadal mill-*bus shelter*. Il-Kunsill qal li ma jistax jibqa fl-għama dwar is-sitwazzjoni ta' meta ser tinqala. Għaldaqstant kien hemm qbil unanimu li jitqabbad l-Avukat Joshua Grech sabiex jikteb ittra lill-kumpanija Faces f'dan ir-rigward.

22.2.14 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett:

- Case 3/2026 – Talba għall-Fondi ta' Aġġustament għas-sena 2026. Din it-talba trid issir sal-31 ta' Marzu 2026;
- Allokazzjoni Finanzjarja 2026 – L-Ewwel Kwart;
- *Submission of the unaudited financial statements for the year* 2025.

22.2.15 Korrispondenza mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bis-suġġett:

- Ċirkulari AKL 2026/001 Polza tal-Assigurazjoni tas-Saħħa 2026. Il-Kunsill qabel illi l-membri u l-ħaddiema tal-Kunsill ikunu parti minn din il-polza;
- Ċirkulari AKL 2026/006 Tnedija tad-dokumenti "Open Spaces" 12/02/2026;
- Ċirkulari AKL 2026/008 Bidliet fl-Ispeċifikazzjonijiet tad-Dawl tat-Toroq;
- Ċirkulari AKL 2026/009 *Bridges of Trust*: Laqgħa *Online*;
- Ċirkulari AKL 2025/010 Kollaborazzjoni għat-tifi tad-dwal waqt l-attività tal-'Earth Hour 2026'. Is-Sindku ppropona illi s-Sibt, 28 ta' Marzu jintefa d-dawl tal-monument u dak tal-Pjazza bejn it-8.30pm u d-9.30pm. Il-Kunsill qabel.

22.2.16 Komunikat lill-Kunsilli Lokali dwar permessi maħruġa minn Transport Malta;

22.2.17 Reġjun Għawdex bagħat kopja ta' korrispondenza li rċieva mis-Seminarju Minuri t'Għawdex dwar il-proġett 'Għawdex tikka tikka – part 2'. Il-Kunsill ġie rringrazzjat tal-parteċipazzjoni tiegħu f'din l-inizjattiva.

22.2.18 Intbagħat ir-Rapport Annwali għas-sena 2025 (anness ma' dawn il-minuti) tal-andament tad-*Dwejra Marine Centre* mid-*Dwejra Assistant*.

22.2.19 Transport Malta bagħtu korrispondenza dwar ir-rilokazzjoni tal-*bus stop* 1919 fi Triq il-Wileġ. Il-Kunsill ġie mitlub jipproponi post alternattiv. Il-Kunsill qabel illi tiġi trasferita aktar 'l fuq.

22.2.20 Korrispondenza mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar bis-suġġett 'Pending Invoices – Cleaning and Attendance of Public Conveniences'. Il-Kunsill qabel illi jitlob laqgħa mas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex fost l-oħrajn tiġi diskussa din il-korrispondenza.

22.2.21 It-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar informa lill-Kunsill dwar appell numru 00037/26.

22.2.22 Korrispondenza mingħand il-*Gozo Regional Development Authority* bis-suġġett 'Amigos Project'.

22.2.23 L-Uffiċjal Reġjonali tal-Kultura fir-Reġjun Għawdex talbet informazzjoni dwar attivitajiet li ser jiġu organizzati sal-aħħar ta' Marzu. Il-Kunsill ser jorganizza l-Karnival fi Frar u l-*Open Day* fil-*Marine Interpretation Centre* f'Marzu.

22.2.24 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi saret manutenzjoni tal-*air conditioners* tal-uffiċċju.

22.2.25 Sultech, il-kuntrattur tal-*bring-in-sites* irraporta lill-Kunsill illi l-*bin* li jintefa fiħ il-metal, li jinsab ta' taħt l-art, għandu bżonn manutenzjoni. Il-Kunsill qabel illi jitlob kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol.

22.2.26 Is-Sindku qal illi Kempinski Hotel pprovdilna *safe* sabiex ikun jista jintuża fl-uffiċċju. Il-Kunsill irringrazzja lid-diretturi tal-lukanda ta' dan il-ġest. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat illi minkejja li ta' kull sena titħallas il-polza tal-assigurazzjoni tal-flus, il-Kunsill ma jkunx kopert kompletament jekk il-flus ma jitpoġġewx f'*safe*.

## 22.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

22.3.1 Il-Kunsillier Lorenzo Grima semma li l-istat tat-triq tal-parti li mill-qawra tagħti għall-parkeġġ fid-Dwejra qed tiggrava. Is-Sindku qal illi avviċinawh xi nies dwar din il-problema. Il-Kunsill qabel illi jitlob il-konkos lill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar u jiġi mferrex mill-ħaddiema tal-Kunsill.

## 22.4 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji (Budget) għas-sena 2026;

22.4.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-Estimi Finanzjarji (Budget) għas-sena 2026.

22.4.2 L-Estimi Finanzjarji (Budget) għas-sena 2026 ġew approvati unanimament minn dawk preżenti u ġew iffirmati mis-Sindku mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 22.5 Approvazzjoni tal-*Performance Appraisals* 2025 tal-impjegati tal-Kunsill;

22.5.1 Is-Sindku ppreżenta l-*performance appraisal report* li ħejja tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv Josianne Cassar mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025. Dan ir-rapport ġie diskuss mal-impjegata. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ħarġet mill-laqgħa sakemm ġie diskuss il-*bonus*. Is-Sindku talab lill-ASE sabiex tirtira mill-laqgħa sakemm jiġi diskuss l-*appraisal* tagħha. Il-Kunsill unanimamant approva ħlas ta' *performance bonus* sħiħ, jiġifieri ta' 10%.

22.5.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-*performance appraisal report* li ħejjiet tal-Assistent Prinċipali Claire Hili għas-sena 2025. Dan ir-rapport ġie diskuss mal-impjegata. Il-Kunsillier Jeremy Hili ma ħax sehem fid-diskussjoni minħabba konflitt t'interess. Il-Kunsill unanimament approva ħlas ta' *performance bonus* ta' 8%.

22.5.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fakkret rigward il-*performance bonuses* għall-ħaddiema tal-iskemi li kienu jingħataw. Sar qbil unanimu li l-*Community Workers* jingħataw il-massimu tal-kuntratt, kif ukoll l-*Animal Steward* tingħata 6% *performance bonus* u ż-żewġ ħaddiema tas-CIES, Stephen Piscopo u Louis Portelli jingħataw €500.00 kull wieħed.

## 22.6 Attività tal-Karnival 2026;

22.6.1 Il-Kunsill irċieva l-ftehim ta' finanzjament għal Karnival 2026 li jammonta għal €5,000 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*. Is-Sindku qal illi bħalissa qed isiru l-preparamenti finali u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżentat *draft* tal-programm. Il-Kunsill qabel unanimament mal-programm kif ippreżentat.

22.6.2 L-attività ser issir nhar il-Ħadd, 15 ta' Frar 2026 fin-12.30 fil-Pjazza ta' San Lawrenz.

## 22.7 Mixgħela fil-festa tad-Duluri;

22.7.1 Ġie spjegat id-devozzjoni kbira li teżisti għall-festa tad-Duluri fil-lokalità tagħna. Għaldaqstant is-Sindku ssuġġerixxa li ssir mixgħela fi Triq id-Duluri b'xemgħa waqt il-purċissjoni devota li ssir.

22.6.2 Il-Kunsill b'mod unanimu qabel illi jorganizza din il-mixgħela.

## 22.8 Ħolqien ta' koperattiva t'enerġija alternattiva;

22.8.1 Is-Sindku rrapporta illi kellu laqgħa ma' koperattiva f'Malta fejn ġie diskuss is-suġġett t'enerġija alternattiva. Il-koperativa qed tistieden lir-residenti tal-lokalità tipparteċipa f'din l-inizjattiva li permezz tagħha tista tiġi ġġenerata enerġija alternattiva. Dan iwassal biex ir-residenti jgawdu mill-imsemmija enerġija u anke eventwalment jistà jkun hemm qliegħ illi permezz tiegħu l-istess koperattiva tkun tista tagħmel proġetti li minnhom tgawdi l-komunità kollha.

22.8.2 Il-Kunsill b'mod unanimu qabel illi jiltaqa' mal-Bord tal-Koperattiva sabiex jiddiskuti dan is-suġġett f'aktar dettall.

## 22.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

22.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 19 għal perjodu ta' bejn id-19 ta' Diċembru 2025 u d-29 ta' Jannar 2026 li tammonta għal €57,898.38 ġiet approvata u ffirmata.

## 22.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

22.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Frar 2026 fis-6.00p.m.

Ikkonfermati, nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Frar 2026.

Noel Formosa
Sindku

Josianne Cassar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dwejra Marine Centre Report 2025

| | Adults | Children | Information | Total |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| January | 163 | 26 | 126 | **315** |
| Febuary | 178 | 28 | 154 | **360** |
| March | 224 | 96 | 215 | **535** |
| April | 420 | 382 | 217 | **1019** |
| May | 339 | 83 | 242 | **664** |
| June | 97 | 67 | 162 | **326** |
| July | 100 | 14 | 178 | **292** |
| August | 245 | 37 | 218 | **500** |
| September | 174 | 25 | 118 | **317** |
| October | 129 | 21 | 114 | **264** |
| November | 66 | 13 | 89 | **168** |
| December | 6 | 2 | 16 | **24** |
| **Total** | **2141** | **794** | **1849** | 4784 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2141 Adults | @ | 2.00 | €4,282.00 |
| 794 Children | @ | 1.00 | €794.00 |

| **Sales** | | | Total price |
|---|---|---|---|
| 22 magnets | @ | 6.50 each | 143.00 |
| 0 Dwejra Heritage Books | @ | 5.00 each | 0.00 |
| 6 Dwejra Books | @ | 5.00 each | 30.00 |
| 278 postcards | @ | 50c each | 139.00 |
| 4 postcards | @ | 2.00 each | 8.00 |

## EXPENSES

| | |
|---|---|
| January | € 50.00 |
| February | € 0.00 |
| March | € 118.75 |
| April | € 0.00 |
| May | € 27.45 |
| June | € 30.00 |
| July | € 78.71 |
| August | € 52.34 |
| September | € 0.00 |
| October | € 0.87 |
| November | € 14.04 |
| December | € 22.10 |
| **Total** | € 394.26 |